# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 439/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Nathaniel Agius**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Nathaniel Agius**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24293(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Lulju 2015, waqt li kien qiegħed jixhed ġewwa l-bini tal-Qorti fir-Rabat, Għawdex quddiem il-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.:

1. ħalef falz quddiem Imħallef, Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament;

2. fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ta xhieda falza fi proċeduri kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba biex meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali kif ukoll interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja u bħala perit, f'kull każ li jkun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 28A, 49, 50, 104, 105, 108, 109 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Avviż Legali 79 tal-2006, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni, sabitu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal piena ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin mid-data tas-sentenza. B'applikazzjoni ta' Artikolu 109 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti interdiċiet lill-ħati b'mod ġenerali għal żmien għaxar snin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"filwaqt li tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, tirrevoka, tannulla u tħassar il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-ewwel stqarrija tiegħu fil-każ li kienet relatata maż-żamma ta' għasafar ma ġietx esibita fl-atti u din l-istqarrija kellha tkun il-prova reġina biex l-Ewwel Qorti tkun tista' tara x'ġara u sabiex tasal għall-konvinċiment jekk hu kienx qed jagħti verżjonijiet kontrastanti jew le. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti straħet fuq ix-xiehda mogħtija mill-iSpettur Bernard Charles Spiteri u minn Gilbert Haber. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għas-sentenza tas-16 ta' Settembru 2015 (Dok. "JG 4" – *a fol.* 38) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Nathaniel Agius** fejn tidher l-istqarrija tiegħu. Jgħid li minkejja li ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat kif fil-fatt għamel pero' ma kellux avukat miegħu għal dik l-istqarrija. Huwa għamel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. L-Avukat Ġenerali** fejn il-Qorti sabet ksur għal smigħ xieraq għax ma kienx ingħata aċċess għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet u kwalunkwe xiehda tal-Pulizija li tagħmel riferenza għall-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet. Huwa għamel riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Claire Farrugia** fejn il-Qorti qalet li fiż-żmien meta ttieħdu l-istqarrijiet l-appellanta ma kellhiex għażla x'tagħmel rigwardanti l-preżenza o meno ta' avukat u fejn il-Qorti skartat l-istqarrijiet. Jisħaq li f'dan il-każ għandha tkun skartata kull stqarrija li saret mingħajr l-assistenza ta' avukat u li għandhom jiġu skartati l-istqarrija oriġinali u x-

xiehda ta' Gilbert Haber li saru riferenza għalihom mill-Ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellant għandu kemm punt legali kif ukoll punt dwar l-apprezzament tal-fatti. Din il-Qorti dejjem sostniet li ma għandhiex tiddisurba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha raġonevolment u legalment. Biss din il-Qorti għamlet eżami tal-provi prodotti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 10 *et seq.*) xehed li fi stqarrija li kien ta l-appellant, dan kien stqarr li t-tajr kien qatilhom hu imma meta tela' jixhed il-Qorti huwa qal li kien qatilhom nannuh. Huwa eżebixxa l-istqarrija (Dok. BCS 2" – *a fol.* 17 *et seq.*) li ttieħdet fit-30 ta' Ġunju 2017 u li għandha x'taqsam mal-każ preżenti. L-appellant ma kien wieġeb l-ebda domanda. L-istqarrija oriġinali rigward il-qtil tat-tajr kienet ġiet eżebita fi proċeduri oħra.

- **Gilbert Haber** (*a fol.* 21 *et seq.*) xehed li fl-20 ta' Frar 2015 huwa kien mar 38, Triq Manwala, Xewkija fejn joqgħod Nathaniel Agius u sab żewġ għasafar li l-pussess tagħhom mhux protett. Jgħid li Nathaniel Agius, fil-preżenza tal-Pulizija, kien qalilhom li dawn kienu tiegħu. Fil-każ tal-i*spotted crake* huwa kien qal li ma kienx jaf li huwa mħares. Dwar il-*marsh sandpiper* jgħid li Agius kien qal li sabha l-kelb u ddeċieda li jibbalzmaha u jżommha ġo dik ir-residenza. Dan intqal waqt l-ispezzjoni u mhux waqt l-istqarrija.

- **Joseph Grech** (in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati ta' Għawdex – *a fol.* 25 *et seq.*) ippreżenta x-xiehda tal-iSpettur Bernard Charles Spiteri (Dok. "JG 1" – *a fol.* 28 *et seq.*), ix-xiehda ta' Gilbert Haber (Dok. "JG 2" – *a fol.* 31 *et seq.*), ix-xiehda ta' Nathaniel Agius (Dok. "JG 3" – *a fol.* 34), is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nathaniel**

**Agius** (Dok. "JG 4" – *a fol.* 38 *et seq.*) u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju 2016 (Dok. "JG 5" – *a fol.* 49 *et seq.*).

- Mix-xiehda mogħtija fil-kawża originali mill-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (Dok. "JG 1" – *a fol.* 28 *et seq.*) jirriżulta li kien ta twissija lil Nathaniel Agius meta kien bagħat għalih l-għassa u nfurmah li kienet ser issir tfittxija. Meta kien staqsa dwar it-tjur, Agius ammetta li ż-żewġ tajriet kienu tiegħu u li kienu qed jinżammu d-dar tan-nanna. Jingħad li Agius qallu hekk: *"L-ispotted crake qtiltu jien. [... ] Fuq il-piswejta, din kont sibtha ħajja u ppruvajt inħalliha tgħix iżda din mietet wara jumejn u li din kienet ilha xi ftit ibblazmata u naħseb ilha madwar tliet snin"* (*a fol.* 29). Jingħad li Agius kien ammetta li t-tajr kollu li kien hemm fid-dar ta' nanntu kienu tiegħu u mhux tan-nanna tiegħu. Jirriżulta li l-istqarrija ttieħdet fl-20 ta' Frar 2015. Fil-<u>kontro-eżami</u> l-iSpettur qal li l-appellant kien għinhom speċjalment dwar iż-żewġ tajriet u li kien qalilhom li ma kienx jaf li seta' joqtolhom u li kien sar jaf dakinnhar.

- Mix-xieħda mogħtija fil-kawża originali minn **Gilbert Haber** (Dok. "JG 2" – *a fol.* 31 *et seq.*) jirriżulta li l-appellant qatt ma kien għamel xi dikjarazzjoni dwar għasafar ibbalzmati u li kienu ġew issekwestrati żewġ eżemplari. Jgħid li kien hemm preżenti l-Pulizija u l-appellant. Waqt il-<u>kontro-eżami</u> huwa qal li kien hemm mara anzjana preżenti u li hu kien ta *caution* kemm lilha kif ukoll lill-appellant. Jgħid li anke l-Pulizija għamlu dan.

- Mix-xiehda tal-appellant **Nathaniel Agius** (Dok. "Ċ" – *a fol.* 34 *et seq.*) fil-kawża oriġinali jirriżulta li nanntu dak iż-żmien kellha 'l fuq minn 75 sena. Huwa qal li dawk it-tjur dejjem jafhom hemmhekk u qal li kienu tiegħu għax ma ridtx li nanntu tidħol fl-inkwiet. Jgħid li l-Pulizija qalulu li jekk ma jgħidx li huma tiegħu kienu ser itellgħu lin-nanntu bħala xhud. Huwa qal li t-tajr kienu proprjeta' tan-nanna u li n-nannu kien mejjet u kien jikkaċċja. Fil-<u>kontro-eżami</u> kkonferma li huwa kien ngħata parir mill-avukat qabel bdiet

l-istqarrija. Jgħid li kien staqsa li jekk ma jgħidx li kienu tiegħu jekk kinux ser itellgħu lin-nanna bħala xhud u li l-Pulzija wieġbet fl-affermattiv. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti f'dak il-każ staqsietu jekk kienx ċert minn dak li kien qed jgħid u li l-appellant wieġeb: *"Ċert, mija fil-mija"* (*a fol.* 36).

- Meta l-appellant **Nathaniel Agius** (*a fol.* 60 *et seq.*) xehed fil-kawża li tagħha qed jiġi kkunsidrat dan l-appell huwa qal li qabel daħal għall-istqarrija huwa kien ħa parir legali minn għand l-Avukat Dr. Joshua Grech u li lill-avukat kien staqsieh jekk jgħidx li t-tajr kienu tan-nanna, in-nanna kinitx tispiċċa jkollha titla' tixhed u li l-avukat qallu li hekk kien ser jiġri u allura ddeċieda li jgħid li t-tajr huma tiegħu biex in-nanna ma titlax il-Qorti. Jgħid pero' li meta tela' jixhed quddiem il-Qorti huwa kien xehed li t-tajr kienu tan-nanna. Fil-kontro-eżami meta ġie mistoqsi għala fuq tajra minnhom huwa qal li kien ibbalzmaha wara li mititlu, wieġeb: *"għas-sempliċi raġuni biex nassalvagwardja lin-nanna"* (*a fol.* 62) għaliex, skont hu, mara ta' tmenin sena mhux ser itellagħha l-Qorti. Ikkonferma li l-istqarrija li kien ta lill-Pulizija kien għamilha minn jeddu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant instab ħati biss tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u ċioè li ta xhieda falza fi proċeduri kriminali. L-appell tiegħu jirrigwarda din is-sejbien ta' ħtija. Artikolu 104(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull min jagħti xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinstab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija."

Illi f'paġna 60 tat-Tieni Parti tan-Noti tiegħu dwar il-liġi kriminali, il-Profs. Sir Anthony Mamo jgħid li l-erba' elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

> *"(i) A testimony given in a cause, whether criminal or civil;*
> *(ii) An oath lawfully administered by the competent authority;*
> *(iii) Falsity of such testimony in a material particular;*
> *(iv) Wilfulness of such falsity or criminal intent."*

Illi dwar l-ewwel punt, dan ir-reat jeżisti biss jekk ikun hemm xiehda waqt kawża f'Qorti waqt proċess ġudizzjarju. Fil-liġi tagħna dan ir-reat jista' jsir minn xhieda li jkunu qed jiddeponu f'kawżi fejn huma mhux involuti iżda wkoll il-persuna li tkun imputata tista' twettaq dan ir-reat. Il-Professur Mamo jagħmel riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wiġi Attard** u **Il-Pulizija vs. Carmelo Bartolo** mogħtija fil-25 ta' April 1951 u fit-12 ta' Mejju 1953 rispettivment.

Illi t-tieni element huwa l-amministrazzjoni tal-ġurament jew meta ssir dikjarazzjoni solenni. It-tielet element huwa l-falsita' meta xhud deliberatament jagħti xiehda li jaf li hija falza jew li ma jemminx li hija vera. Dan jgħodd ukoll jekk iħalli barra xi ħaġa li jaf jew li meta jgħid li ma jaf xejn meta jkun jaf. Profs. Mamo jgħid hekk (*a fol.* 66 u 67):

> *"[...I]f he does it in bad faith or with criminal intent he is guilty of the crime of false testimony. [...]*
>
> *But in all cases, in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause [...].*
>
> *If the falsity is material, that is to say it could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete as soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court."*

Illi r-raba' element hija l-*mens rea*. Profs. Mamo jgħid hekk (*a fol.* 68):

*"The intentional element of this crime of false testimony is the consciousness of uttering a falsehood or of concealing the truth. [...T]he falsity must be deliberate and intentional. [...I]n order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, as strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition [...]."*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti (*a fol.* 87 u 88):

> "Din il-Qorti rat mid-deċiżjoni tal-Qorti preċedenti tal-Prim'Istanza kif ukoll mid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li ai fini ta' piena ġie applikat fil-konfront tal-imputat odjern, l-Avviż Legali 79 tal-2006 b'mod partikolari r-Regolament 27(2)(b) li apparti l-multi jipprovdi alternattivament għall-piena ta' priġunerija ta' massimu ta' sentejn. Jirriżulta għalhekk illi kieku l-imputat odjern fil-proċeduri preċedenti fejn allegatament ikkommetta sperġur huwa kellu biss l-akkużi taħt l-Avviż Legali 70 tas-sena 2006 allura din il-Qorti ma setgħetx issibu ħati ai termini tal-Artikolu 104(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma kienx allura jissussisti l-element essenzjali li x-xhieda trid tkun ingħatat fi proċeduri fejn il-piena hija akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, filwaqt li l-piena ta' priġunerija ta' massimu ta' sentejn ma jirriżultax li hija inkluża. Madankollu jirriżulta li fil-proċeduri preċedenti l-imputat kien ukoll akkużat bir-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi, ai termini tal-Artikolu 50 tal-istess Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-piena ta' sentejn, konsegwenza tar-reċidiva, setgħet tiżdied b'mill-anqas grad wieħed u b'hekk jirriżulta li l-element tal-Artikolu 104(1) tal-Kap. 9, ċioè li l-piena trid tkun ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn huwa soddisfatt (massimu ta' sentejn priġunerija u żieda ta' mill-anqas grad ħabba r-reċidiva)."

Illi l-ewwel parti tal-aggravju tal-appellant huwa li l-istqarrija tal-appellant kellha tiġi ppreżentata bħala l-aħjar prova. Dwar dan il-Qorti tinnota li din kienet ippreżentata fil-kawża preċedenti u kienet għad-dispożizzjoni kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-appellant. Iżda barra dan hemm riferenzi għaliha f'żewġ sentenzi li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali u ċioè fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Settembru 2015 (Dok. "JG 4" – *a fol.* 38 *et seq.*) kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Lulju 2016 (Dok. "JG 5" – *a fol.* 49 *et seq.*). Filwaqt li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti (Dok. "JG 4" – *a fol.* 38 *et seq.*) hemm riferenza għad-domandi li saru u għar-risposti li ġew mogħtija għalihom, minn naħa l-oħra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad hekk (*a fol.* 54):

> "12. Jirriżulta li meta l-imputat kien fid-dar ta' nanntu akkumpanjat mill-Pulizija huwa kien minnufih stqarr mal-Pulizija li l-vetrina li kien fiha t-tajr kienet tiegħu. Aktar tard irrilaxxja stqarrija bil-miktub lill-Pulizija wara li ngħata l-opportunita' li jikkonsulta avukat kif kien fil-fatt għamel. Fl-istqarrija bil-miktub huwa reġa' tenna li t-tajr li kien instab għand nanntu kien tiegħu u li kien qabadhom hu u kien ilu jaqbad it-tajr għall-perjodu ta' xi sentejn. Mistoqsi dwar it-tajra gallozz tat-tikek u l-piswejta li l-qtil u pussess tagħhom hu illegali huwa ddikjara li l-gallozz kien qatilha hu waqt li l-piswejta kien sabha ħajja u pprova jħalliha tgħix iżda mietet wara jumejn."

Illi meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti fil-proċeduri dwar l-isperġur huwa stess għamel riferenza għall-istqarrija fejn kien qal li t-tajr kienu tiegħu biex ma jinvolviex lin-nanna tiegħu.

B'hekk m'hemm ebda dubju dwar id-dokument u l-kontenut tad-dokument, jiġifieri l-istqarrija, li serviet bħala bażi ta' xiehda u l-provi miġjuba kienu l-aħjar fiċ-ċirkostanzi. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar dik il-parti ta' l-aggravju li għalkemm huwa ngħata l-opportunita' li jikkonsulta ma' avukat, dan ma kienx preżenti waqt li kienet qed tittieħed l-istqarrija tiegħu, jirriżulta li l-appellant għamel l-istqarrija tiegħu fl-20 ta' Frar 2015 fejn huwa ngħata l-opportunita' li jikkonsulta avukat. Għandu jingħad li l-preżenza ta' avukat waqt l-interrogatorju daħal fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali 102 tal-2017 u d-data rilevanti kif jidher mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.24 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik tat-13 ta' April 2017. L-istqarrija saret sentejn qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali msemmi u għandu jingħad li l-Prosekuzzjoni segwit il-liġi kif kienet dak iż-żmien. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-mod kif svolġa l-perkors divers tal-ġurisprudenza fir-rigward ta' stqarrija rilaxxata mingħajr ma' persuna ngħata d-dritt li jikkonsulta ruħu ma' avukat u kif ukoll fir-rigward ta' stqarrija rilaxxata wara li persuna tkun ingħatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat pero' l-avukat ma setgħax ikun preżenti miegħu. Minkejja dan kollu, u dan huwa l-qofol ta' kollox hawn, il-Qorti tinnota wkoll li l-appellant xehed fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 60 *et seq.*) u kienet għażla tiegħu li jagħmel hekk minħabba li setgħa jibqa' sieket fejn ingħad minnu dak li ġie msemmi aktar 'il fuq. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-atti proċesswali jikkontjenu wkoll id-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fil-proċeduri oriġinali tiegħu (Dok. "JG 3" – *a fol.* 34 *et seq.*). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tikkunsidra li ai fini tal-provi kienu ppreżentati d-depożizzjoni tal-iSpettur Bernard Charles Spiteri (Dok. "JG 1" – *a fol.* 28 *et seq.*), ta' Gilbert Haber (Dok. "JG 2" – *a fol.* 31 *et seq.*) u tal-appellant (Dok. "JG 3" – *a fol.* 34 *et seq.*).

Illi fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti li tat is-sentenza li tagħha qed jiġi kkunsidrat dan l-appell, fid-depożizzjoni tiegħu Gilbert Haber xehed hekk (*a fol.* 23): *"Jien kont staqsejt lil Nathaniel Agius*

*fuq dan l-eżemplari li hu kien qalilna fil-preżenza tal-Pulizija li kienu l-għasafar tiegħu. Fil-konfront tal-għasafar imħarsa niftakar li kien stqarr magħna li fil-każ ta' l-Spotted Crake, il-Gallozz tat-tikek ma kienx jaf li huwa mħares, u għaldaqstant ħaseb li kien leġittimu u seta' jżommu, u fil-konfront tal-Marsh Sandpiper Ċawċawa, kien qalilna li kien ġabhielu l-kelb waqt li kien għall-kaċċa, sabha l-kelb u ddeċieda li jibbalzmaha u żammha ġo dik ir-residenza."*

Illi fil-kontro-eżami tiegħu fl-ewwel kawża, għad-domanda: *"Fil-kors tal-investigazzjoni kollha, is-Sur Agius kien għinkom bil-proċeduri?"* (*a fol.* 30), l-iSpettur Bernard Charles Spiteri wieġeb hekk: *"Iva, iva, is-Sur Agius għinna speċjalment rigward dawn iż-żewġ tajriet, jekk mhux sejjer żball qalilna li hu ma kienx jaf li ma setax joqtolhom u li kien sar jaf dakinhar imma kien għinna jiġifieri. Li ma ammettiex kien rigward tal-ġrewa imma dik ma nstab xejn"* (*a fol.* 30). Minn naħa l-oħra, fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk (*a fol.* 54):

> "13. Fiċ-ċirkostanzi, meta l-imputat ripetutament kien stqarr mal-pulizija, kemm oralment kif ukoll bil-miktub, u din wara li kien ikkonsulta avukat, li t-tajr kien tiegħu u li l-galloz tat-tikek kien qatilha hu waqt li l-piswejta kien sabha ħajja u żamma iżda wara mietet, l-Ewwel Qorti kienet pienament intitolata li taċċetta bħala veritjiera dak li stqarr lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni u li jirriġetta bħala inveritier dak li ddepona quddiem l-Ewwel Qorti."

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-kuntrast huwa mhux biss bejn l-istqarrija u dak li xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti imma bejn dak li kien stqarr l-appellant oralment quddiem il-Pulizija u quddiem Gilbert Haber u dana minkejja li l-appellant kien ingħata t-twissija mal-ewwel mill-iSpettur u dan qabel ma saret il-perkwiżizzjoni fid-dar tan-nanna.

Illi dwar jekk setgħetx intqalet il-verita' fuq il-pedana tax-xhieda aktar milli meta l-appellant tkellem mal-Pulizija jew meta għamel l-istqarrija, il-Qorti, wara li fliet li dak li xehed l-appellant waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 fil-proċeduri preċedenti (Dok. "JG 3" –

*a fol.* 34 *et seq.*) kif ukoll dak li xehed fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2018 fil-proċeduri li tagħhom qed jiġi kkunsidrat dan l-appell (*a fol.* 60 *et seq.*), tikkonkludi li l-verita' kienet ħarġet qabel. Fix-xiehda tal-appellant fil-proċeduri preżenti nsibu li qabel l-istqarrija l-avukat kien qallu li jekk ser isemmi lin-nanna din kien ikollha titla' l-Qorti. Allura għalhekk fl-istqarrija kien qal li t-tajr huwa tiegħu. Quddiem l-Ewwel Qorti qal hekk: *"Kont għidt li huwa tan-nanna imma dakinhar kien għadda ż-żmien, minn meta għamilna l-istatement kien għadda ż-żmien u qisu l-biċċa xogħol kienet, tan-nanna, kienet barra mhux ħa titla' l-Qorti"* (*a fol.* 60). Il-Qorti ma għandhiex dubju li l-appellant kien ben konxju li fil-Qorti ma kienx qed jgħid il-verita'.

Illi stante li jirriżulta li ġew ippruvati l-elementi kollha rikjesti minn Artikolu 104(1) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u għalhekk il-Qorti ser tiċħad l-appell tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Nathaniel Agius u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**